Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

2 ta' Marzu, 2007

## ATT Nru. I ta' l-2007

*Att biex jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, Kap 204 u l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni, Kap. 233.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqa' f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2007 biex jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta. Titolu fil-qosor.

### TAQSIMA I

### EMENDI TA' L-ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA, KAP. 204

**2.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, Kap. 204.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli mill-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti tagħha.

Titolu ġdid, tħassir u enumerazzjoni mill-ġdid ta' l-artikoli u Taqsimiet ta' l-Att prinċipali.

**3.** (1) L-intestaturi tat-Taqsimiet ta' l-Att prinċipali, jiġifieri t-Taqsima I Preliminari, it-Taqsima II Twaqqif u Tmexxija tax-Xogħol ta' Bank, it-Taqsima IIA *Policy* Monetarja, it-Taqsima III Dispożizzjonijiet Finanzjarji, it-Taqsima IIIA Ġbir ta' Informazzjoni, it-Taqsima IV Relazzjonijiet mal-Gvern, it-Taqsima V Relazzjonijiet ma' l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u dawk Finanzjarji, it-Taqsima VI Relazzjonijiet ma' l-Awtorità Kompetenti, it-Taqsima VIA Relazzjonijiet ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Oħrajn, it-Taqsima VII Flus u t-Taqsima VIII Ġenerali, għandhom jitħassru u t-Taqsimiet ġodda għandhom titolu kif ġej:

(a) "Taqsima I Preliminari";

(b) "Taqsima II Twaqqif u Tmexxija tax-Xogħol ta' Bank";

(ċ) "Taqsima III Dispożizzjonijiet Finanzjarji";

(d) "Taqsima IV Ġbir ta' Informazzjoni";

(e) "Taqsima V Relazzjonijiet mal-Gvern";

(f) "Taqsima VI Relazzjonijiet ma' l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u dawk Finanzjarji";

(g) "Taqsima VII Sistemi ta' Pagament";

(h) "Taqsima VIII Relazzjonijiet ma' l-Awtorità Kompetenti";

(i) "Taqsima IX Relazzjonijiet ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Oħrajn";

(j) "Taqsima X Flus";

(k) "Taqsima XI Ġenerali"; u

(l) "Taqsima XII Disposizzjonijiet Transizzjonali dwar il-Lira Maltija".

(2) L-artikoli 6, 16, 17A, 17B, 17Ċ, 17D, 19, 20, 21, 29, 30, 32, 35, 38D, 39, 40, 41, 50, 51, 52 u 55 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru.

(3) L-artikoli 5, 13, 13A, 14, 15, 17, 18, 22, 23, 24, 24A, 24B, 31, 33, 34, 36, 36A, 37, 38, 38A, 38B, 38Ċ, 38E, 38F, 38Ġ, 49A,

49B, 49Ċ, 49D, 49E, 49F, 52A, 52B, 53 u 54 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala artikoli 6, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 29, 30, 31, 34, 35, 32, 33, 36, 37, 40, 41, 39, 50, 51, 52, 53, 54, 55, 56, 57, 58 u 59 rispettivament.

(4) L-intestaturi ġodda tat-Taqsimiet li hemm fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jidhru rispettivament kif ġej:

(a) l-intestatura fil-paragrafu (a) qabel l-artikolu 1;

(b) l-intestatura fil-paragrafu (b) qabel l-artikolu 3;

(ċ) l-intestatura fil-paragrafu (ċ) qabel l-artikolu 19, kif enumerat mill-ġdid;

(d) l-intestatura fil-paragrafu (d) qabel l-artikolu 23, kif enumerat mill-ġdid;

(e) l-intestatura fil-paragrafu (e) qabel l-artikolu 25;

(f) l-intestatura fil-paragrafu (f) qabel l-artikolu 30, kif enumerat mill-ġdid;

(g) l-intestatura fil-paragrafu (ġ) qabel l-artikolu 34, kif enumerat mill-ġdid;

(h) l-intestatura fil-paragrafu (g) qabel l-artikolu 36, kif enumerat mill-ġdid;

(i) l-intestatura fil-paragrafu (għ) qabel l-artikolu 39, kif enumerat mill-ġdid;

(j) l-intestatura fil-paragrafu (h) qabel l-artikolu 42;

(k) l-intestatura fil-paragrafu (ħ) qabel l-artikolu 56, kif enumerat mill-ġdid; u

(l) l-intestatura fil-paragrafu (i) qabel l-artikolu 62 ġdid.

**4.** Minflok it-Taqsim ta' l-Att, għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni tat-Taqsim ta' l-Att.

“TAQSIM TA’ L-ATT


| | | Artikli |
|---|---|---|
| Taqsima I | Preliminari | 1-2 |
| Taqsima II | Twaqqif u Tmexxija tax-Xogħol ta’ Bank | 3-18 |
| Taqsima III | Disposizzjonijiet Finanzjarji | 19-22 |
| Taqsima IV | Ġbir ta’ Informazzjoni | 23-24 |
| Taqsima V | Relazzjonijiet mal-Gvern | 25-29 |
| Taqsima VI | Relazzjonijiet ma’ l-Istituzzjonijiet ta’ Kreditu u dawk Finanzjarji | 30-33 |
| Taqsima VII | Sistemi ta’ Pagament | 34-35 |
| Taqsima VIII | Relazzjonijiet ma’ l-Awtorità Kompetenti | 36-38 |
| Taqsima IX | Relazzjonijiet ma’ Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Oħrajn | 39-41 |
| Taqsima X | Flus | 42-55 |
| Taqsima XI | Ġenerali | 56-61 |
| Taqsima XII | Disposizzjonijiet Transizzjonali dwar il-Lira Maltija | 62-63 |

Skeda


Emenda tat-titolu fit-tul ta’ l-Att prinċipali.

**5.** Fit-titolu fit-tul ta’ l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem:

“Att biex jipprovdi għat-twaqqif ta’ Bank Ċentrali ta’ Malta u biex jiġu stabbiliti l-funzjonijiet u s-setgħat tiegħu; u biex jipprovdi għall-ħwejjeġ anċillari jew inċidentali għalihom.”

Emenda ta’ l-artikolu 2 ta’ l-Att prinċipali.

**6.** L-artikolu 2 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira ta’ “attiv estern” għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

“ “attivi ta’ riserva” għandha tinkludi:

(a) attivi f’kambju barrani li jikkonsisti fi flus, depożiti u titoli f’munita li mhix l-euro, u

(b) deheb monetarju, *Special Drawing Rights* (SDRs) u posizzjoni ta’ riserva fil-Fond Monetarju Internazzjonali;”;

(b) minflok it-tifsira "awtorità kompetenti" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "awtorità kompetenti" tfisser dik l-awtorità jew dawk l-awtoritajiet, skond il-każ, nominati biex jirregolaw il-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji jew istituzzjonijiet ta' servizzi finanzjarji taħt liġi minn dawk murija fl-Iskeda ta' dan l-Att;";

(ċ) fit-tifsira " "bank" jew "istituzzjoni ta' kreditu" ", minflok il-kliem "tfisser kull persuna li tmexxi kummerċ bankarju" għandhom jidħlu l-kliem "għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju";

(d) minnufih wara t-tifsira "bank" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "Bank Ċentrali Ewropew" tfisser il-bank mwaqqaf skond l-Artikolu 8 tat-Trattat;";

(e) it-tifsira "Gazzetta" għandha titħassar;

(f) it-tifsira "Gvern" għandha titħassar;

(g) fit-tifsira " "Gvernatur" jew "Deputat Gvernatur" ", il-kliem ", u "Gvernatur" tinkludi persuna li tkun għal dak iż-żmien taġixxi ta' Gvernatur" għandhom jitħassru;

(h) fit-tifsira "istituzzjoni finanzjarja", minflok il-kliem "tfisser istituzzjoni li għandha liċenza maħruġa taħt" għandhom jidħlu l-kliem "għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 ta'";

(i) minnufih wara t-tifsira "istituzzjoni finanzjarja" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "il-Komunitajiet" tfisser il-Komunità Ewropea kif imfissra fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea;";

(j) fit-tifsira "kummerċ bankarju" minflok il-kelma "taħt" għandhom jidħlu l-kliem "bl-artikolu 2 ta' ";

(k) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "Statut" tfisser il-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat;" u

(l) minflok it-tifsira "it-Trattat" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "it-Trattat" tfisser it-Trattat li jwaqqaf il-Kommunità Ewropea magħmul f'Ruma fil-25 ta' Marzu 1957 u kif sussegwentement emendat.".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**7.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Għandu jkun hemm Bank li jissejjaħ il-Bank Ċentrali ta' Malta. Il-Bank ikun jagħmel parti integrali mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali kif imwaqqfa taħt it-Trattat u għandu jipparteċipa billi jwettaq kull ħidma u jkun konformi ma' l-oġġettivi lilu mogħtija bit-Trattat u bl-Istatut u għandu jassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha konsegwenzjali għal dak l-istatus.".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**8.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "Oġġettiv prinċipali" għandhom jidħlu l-kliem "Oġġettivi";

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jitħassru; u

(ċ) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala disposizzjoni sħiħa u minflok għandu jidħol dan li ġej:

"Skond it-Trattat u l-Istatut, l-oġġettiv prinċipali tal-Bank huwa li jżomm stabbilità fil-prezz. Mingħajr preġudizzju għall-oġġettiv prinċipali tiegħu, il-Bank għandu jagħti appoġġ lil-linji politiċi ekonomiċi ġenerali fil-Komunitajiet bil-ħsieb li jgħin biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Komunitajiet kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-Trattat u għandu jaġixxi skond il-prinċipji indikati fl-Artikolu 4 tat-Trattat.".

Żjieda ta' l-artikolu 5 ma' l-Att prinċipali.

**9.** Minnufih wara l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu 5 ġdid li ġej:

"Ħidma tal-Bank.

5. (1) Skond it-Trattat u l-Istatut, il-ħidma tal-Bank għandha tinkludi dan li ġej -

(a) li jimplimenta l-*policy* monetarja;

(b) li jżomm u jamministra attivi ta' riserva;

(ċ) li jiżgura l-istabbilità tas-sistema finanzjarja;

(d) li jippromovi sistema ta' pagament b'saħħitha u effiċjenti;

(e) li jipprovdi għaċ-ċirkulazzjoni ta' karti tal-flus euro;

(f) li jipprovdi għaċ-ċirkulazzjoni ta' muniti euro maħruġin għal u għan-nom tal-Gvern;

(g) li jagħti parir lill-Gvern b'mod ġenerali fuq ħwejjeġ finanzjarji u ekonomiċi;

(h) li jiġbor u jippubblika statistika li tista' tkun meħtieġa biex iwettaq ħidmietu.

(2) Skond it-Trattat u l-Istatut, la l-Bank lanqas ebda membru tal-Bord jew ebda uffiċjal tal-Bank, filwaqt li jkun qiegħed jeżerċita xi funzjoni, dmir jew setgħa taħt dan l-Att, m'għandu jitlob jew jieħu struzzjonijiet mingħand il-Gvern jew mingħand xi korp ieħor.

(3) Il-Bank jista' joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jingħata effett lil xi disposizzjoni ta' dan l-Att.".

**10.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem minn "tal-Bank," sal-kliem "17D." għandhom jidħlu l-kliem "tal-Bank, ħlief dwar il-funzjonijiet imposti, u l-eżerċizzju ta' poteri mogħtija, lill-Bank taħt it-Trattat jew l-Istatut.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-membri tal-Bord għandhom ikunu l-Gvernatur, id-Deputat Gvernatur u t-tliet diretturi l-oħra nominati taħt l-artikolu 9."; u

(ċ) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jitħassru.

**11.** L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (b) tas-subartikolu, u minnufih qablu għandu jiżdied dan il-paragrafu (a) ġdid li ġej:

"(a) Il-Gvernatur għandu r-responsabbiltà unika għall-qadi tal-funzjonijiet imposti, u l-poteri mogħtija, lill-Bank taħt it-Trattat u l-Istatut.";

u minflok il-kliem "Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17," għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr ħsara għall-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu,"; u minnufih wara l-kliem "deċiżjonijiet tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "f'dan l-aspett";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar;

(ċ) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4); u

(d) minnufih wara s-subartikolu (4), kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli (5) u (6) ġodda li ġejjin:

(5) Il-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur jistgħu jitneħħew mill-kariga tagħhom biss jekk ma jibqgħux kapaċi li jaqdu d-dmirijiet tagħhom jew jekk ikunu ħatja ta' mġieba ħażina serja.

(6) Il-Gvernatur jista' jkun mitlub mill-Kamra tad-Deputati li jirrapporta fuq it-tmexxija tal-Bank quddiem kumitat tal-Kamra tad-Deputati maħtur għal daqshekk u sabiex jipprovdi lil dak il-kumitat b'kull informazzjoni li titqies li tkun meħtieġa:

Iżda l-Gvernatur ma jistax ikun hekk mitlub iktar spiss minn darba kull sitt xhur.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**12.** Minflok l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kelma direttur għandha teskludi l-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur.

(2) Id-diretturi tal-Bank għandhom –

(a) jiġu nominati mill-Prim Ministru;

(b) ikunu persuni ta pożizzjoni magħrufa u esperjenza professjonali f'affarijiet ekonomiċi, finanzjarji jew bankarji;

(ċ) jibqgħu fil-kariga għall-perijodu ta' ħames snin u b'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kif jista' jiġi muri fl-ittra

tan-nomina rispettiva tagħhom, u jkunu jistgħu jerġgħu jiġu nominati;

(d) ikunu intitolati għal dak l-onorarju kif il-Prim Ministru jista' jistabbilixxi.

(3) Ħadd ma għandu jiġi nominat jew jibqa' direttur jekk –

(a) ikun membru tal-Kamra tad-Deputati;

(b) ikun direttur jew funzjonarju salarjat f'istituzzjoni liċenzjata biex tipprovdi servizzi finanzjarji jew bankarji jew azzjonista fl-istess istituzzjoni għal aktar minn wieħed fil-mija tal-kapital azzjonarju ordinarju mħallas;

(ċ) ikun uffiċjal fis-servizz pubbliku;

(d) skond il-liġi ta' xi pajjiż ikun dikjarat fallut b'sentenza jew ikun għamel akkordju mal-kredituri tiegħu jew ikun inabilitat skond il-liġi jew ikun ġie misjub ħati ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' qerq jew talli xjentement ikun irċieva proprjetà miksuba b'serq jew b'qerq;

(e) ikollu xi pożizzjoni oħra, jew xort'oħra jkun f'pożizzjoni, li tkun f'konflitt mad-dmirijiet tiegħu bħala direttur taħt dan l-Att.

(4) Direttur jista' jinħeles mill-kariga abbażi ta' inkapaċità li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, jew minħabba f'imġieba ħażina; u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, nuqqas ta' attendenza kostanti u mhux ġustifikat għal-laqgħat tal-Bord jista' jitqies bħala li jikkostitwixxi mġieba ħażina.".

**13.** Is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra u s-subartikoli (3) u (4) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (1) u (2) rispettivament. Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**14.** Minflok is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

"(4) Tliet membri tal-Bord, fejn wieħed minnhom ikun jew il-Gvernatur jew id-Deputat Gvernatur, għandhom jiffurmaw *quorum* ta' laqgħa.".

Żjieda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**15.** Minnufih wara l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu 13 ġdid li ġej:

"Kumitat ta' Awditjar.

13. Il-Bord għandu jwaqqaf Kumitat ta' Awditjar, li jkun jippresjedi fih xi wieħed mid-diretturi li la jkun il-Gvernatur lanqas id-Deputat Gvernatur, għall-finijiet li jiġi mgħejjun fit-twettiq tar-responsabbilitajiet tiegħu ta' sorveljanza, partikolarment dwar ħwejjeġ relatati mal-proċess ta' awditjar intern u estern, mas-sistema ta' maniġġar ta' riskju u kontroll intern u mal-proċess ta' rappurtar finanzjarju.".

Emenda ta' l-artikolu 17, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**16.** L-artikolu 17, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Skond it-Trattat u l-Istatut, sabiex jilħaq l-oġġettivi tiegħu u jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, il-ħidmiet tal-Bank għandhom jinkludu dan li ġej –

(a) li jiftaħ kontijiet u jaċċetta u jagħmel depożiti kif provdut f'dan l-Att, u, f'każijiet speċjali, bl-approvazzjoni minn qabel tal-Bord, li jiftaħ kontijiet għal u jaċċetta depożiti minn persuni oħra;

(b) li jżomm kontijiet ma' banek ċentrali jew istituzzjonijiet ta' kreditu u aġenti oħra, jaċċetta mingħand, u jiddepożita ma' kull istituzzjoni ta' kreditu jew aġent bħal dawk, u jaġixxi ta' korrispondent, bankier jew aġent għal xi bank ċentrali jew istituzzjoni ta' kreditu oħra jew awtorità monetarja oħra u għal kull istituzzjoni finanzjarja internazzjonali mwaqqfa taħt trattati internazzjonali;

(ċ) li jissottoskrivi għal, jixtri, ibiegħ, jiskonta jew jiskonta mill-ġdid ekwità, dejn jew strumenti finanzjarji oħra kif jista' jiġi approvat mill-Bord, kemm-il darba kull interessi b'ekwità f'xi intrapriża jew proprjetà immobbli li l-Bank jista' b'xi mod jakkwista biex jitħallsu djun dovuti lilu, il-Bank għandu jiddisponi minnhom malli dan ikun possibbli;

(d) li joħroġ, jixtri, ibiegħ, jiskonta jew jiskonta mill-ġdid strumenti finanzjarji f'isem il-Bank f'dik il-

forma u għal dawk it-termini ta' żmien u żmien ta' maturità kif jista' jiġi approvat mill-Bord;

(e) li jagħti lil xi istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja f'Malta self u avvanzi skond garanzija adegwata;

(f) li jagħmel kull ftehim kuntrattwali għal *repurchase* u *reverse repurchase*; u

(g) meta jidhirlu li azzjoni bħal dik tkun meħtieġa biex iħares l-istabbilità finanzjarja jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali oħra, li jagħti self jew avvanz lil xi istituzzjoni ta' kreditu inkorporata f'Malta skond dawk il-forom ta' garanzija kif il-Bord jidhirlu adatti.";

(b) minflok il-kliem "riżervi esterni" kull fejn jinsabu fis-subartikolu (2), għandhom jidħlu l-kliem "attivi ta' riserva," u minnufih wara l-kliem "il-Bank jista'" għandhom jidħlu l-kliem ", skond il-linji direttivi u l-istruzzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew,";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "f'titoli tal-Gvern jew f'titoli oħra ta' l-ewwel klassi" għandhom jidħlu l-kliem "fi strumenti finanzjarji";

(d) is-subartikoli (4), (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subartikoli (5), (6) u (7) rispettivament; u

(e) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu (4) ġdid li ġej:

"(4) Il-Bank jista' jixtri, jakkwista jew jikri proprjetà immobbli sa fejn il-Bank jista' jqis meħtieġ jew spedjenti għall-provdiment, jew provdiment futur, ta' postijiet għat-tmexxija tan-negozju tiegħu jew ta' ħtiġijiet oħra simili inċidentali għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.".

**17.** L-artikolu 18, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 18, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali tiegħu, il-kliem "Kunsill Konsultattiv dwar" għandhom jitħassru; u

(b) minflok is-subartikoli (1) u (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) L-unika awtorità u responsabbilità fil-Bank biex tieħu deċiżjonijiet u biex taqdi kull funzjoni jew dmir jew biex teżerċita xi setgħa dwar *policy* monetarja għandha tkun vestita fil-Gvernatur li, meta jkun qed jaqdi dik il-funzjoni, għandu jaġixxi skond is-setgħat u d-dmirijiet mogħtija lilu bit-Trattat u bl-Istatut.

(2) Il-Gvernatur jista' jwaqqaf Kumitat Konsultattiv dwar *Policy* Monetarja biex jagħtih parir fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' *policy* monetarja. Il-Kumitat għandu jkun kostitwit minn dak l-għadd ta' persuni li l-Gvernatur jista' jiddeċiedi dwaru u jista' wkoll jinkludi individwi kwalifikati u li jkollhom esperjenza adatta u li ma jkunux jaħdmu fil-Bank u li l-Gvernatur ikun sodisfatt li jkollhom konoxxenza jew esperjenza li x'aktarx tkun rilevanti għall-funzjonijiet tal-Kumitat.

(3) Kull meta l-Gvernatur ma jkunx jista', minħabba assenza, mard jew xi raġuni oħra, jaqdi l-funzjonijiet, id-dmirijiet u s-setgħat imsemmija f'dan l-artikolu, jew meta l-kariga tal-Gvernatur tkun vakanti, l-awtorità u r-responsabbilità vestiti fil-Gvernatur taħt is-subartikolu (1) għandhom, matul dik l-inkapaċità jew vakanza, ikunu vestiti fid-Deputat Gvernatur.".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

**18.** L-artikolu 19, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ħames miljun lira" għandhom jidħlu l-kliem "għoxrin miljun euro";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Bank għandu jżomm Fond Ġenerali ta' Riserva li ma għandux ikun ta' inqas minn għoxrin miljun euro u li jkun disponibbli għal kull skop skond ma jista' jkun deċiż mill-Bord. Meta l-ammonti jittieħdu mill-Fond Ġenerali ta' Riserva, dawn għandhom jiġu sostitwiti, skond ma jista' jkun deċiż mill-Bord, mill-profitti tal-Bank li jsiru fis-snin sussegwenti."; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

**19.** Fl-artikolu 20, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, minnufih qabel il-kelma "Il-kontijiet", għandhom jidħlu l-kliem "Skond Artikolu 27 ta' l-Istatut,", il-kliem "kull sena" għandhom jitħassru, u minflok il-kliem "bl-approvazzjoni tal-Ministru" għandhom jidħlu l-kliem "kif rakkomandat mill-Bank Ċentrali Ewropew u approvat mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea".

Emenda ta' l-artikolu 20, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**20.** L-artikolu 21, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikoli (1), (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3) u (4) rispettivament; u

(b) minnufih qabel is-subartikolu (2), kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan is-subartikolu (1) ġdid li ġej:

"(1) Is-sena finanzjarja tal-Bank tibda fl-ewwel ta' Jannar u tagħlaq fil-wieħed u tletin ta' Diċembru."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4), kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan is-subartikolu (5) ġdid li ġej:

"(5) Il-Bank għandu jobdi r-regoli dwar il-kontijiet u r-rapporti kif jiġu mwaqqfa mill-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew taħt Artikolu 26(4) ta' l-Istatut.".

**21.** L-artikolu 22, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 22, kif enumerat'mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kelma "kurrenti" għandha titħassar;

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jitħassru; u

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2).

**22.** L-artikolu 23, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 23, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 38A(2)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 36(2)", u minnufih wara l-kliem "taħt dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "jew biex jimplimenta struzzjonijiet jew linji ta' gwida maħruġa skond it-Trattat u l-Istatut";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-paragrafu (g) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(g) persuna li żżomm attivi u passivi ta' riserva jew li twettaq operazzjonijiet minn pajjiż għall-ieħor li l-Bank jistabbilixxi bħala rilevanti biex jiġbor statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti jew biex jistabbilixxi l-karta tal-bilanċ ta' l-istokk ta' attivi u passivi finanzjarji esterni għal Malta, xort'oħra msemmija bħala posizzjoni ta' investiment internazzjonali;

"(ii) minnufih wara l-paragrafu (g) għandu jidħol dan il-paragrafu (h) li ġej:

"(h) *exchange* ta' investimenti rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji; jew"; u

(iii) il-paragrafu (h) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (i); u

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "Taqsima VI" għandhom jidħlu l-kliem "Taqsima VIII".

Emenda ta' l-artikolu 24, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**23.** L-artikolu 24, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Il-Bank jista' " għandhom jidħlu l-kliem ", skond it-Trattat u l-Istatut u l-linji direttivi u l-istruzzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew,";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 38A(1)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 36(1)"; u

(ċ) minnufih wara subartikolu (3) għandu jidħol is-subartikolu ġdid (4) li ġej:

"(4) Meta aġent li jirrapporta, jikser jew jonqos li jħares ħtieġa biex jirrapporta taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 jew jonqos li jħares ħtieġa li tkun tinsab f'xi direttiva maħruġa taħt l-artikolu 24(1), il-Bank għandu jimponi sanzjonijiet kif stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2533/98 tat-23 ta' Novembru, 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew.".

**24.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali minflok il-kelma "għandu" għandha tidħol il-kelma "jista' ". Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

**25.** L-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-Bank ma għandux jagħti *overdrafts* jew xi xorta oħra ta' faċilità ta' kreditu lill-istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità jew lill-gvern jew lil xi intrapriża pubblika jew korpi regolati bil-liġi amministrattiva, jew lil xi awtorità pubblika jew korporazzjoni li tkun proprjetà tal-gvern ta' kull Stat Membru, lanqas ma l-Bank għandu jixtri direttament l-istrumenti tad-dejn tagħhom."; u

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Istituzzjonijiet ta' kreditu kontrollati mill-Gvern għandhom jingħataw l-istess trattament bħal istituzzjonijiet ta' kreditu oħra dwar il-provvista ta' riservi.".

**26.** Minflok l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

"Bank bħala aġent tal-Gvern.

28. Skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u b'konformità mad-dmirijiet u l-funzjonijiet tiegħu, il-Bank jista', b'mod ġenerali, jaġixxi bħala aġent tal-Gvern.".

**27.** Fl-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "tal-Bank." għandhom jidħlu l-kliem "tal-Bank:" u minnufih wara għandu jidħol dan il-proviso li ġej: Emenda ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali.

"Iżda:

(a) dan ma għandux iwassal għal indħil fl-indipendenza tal-membri tal-korpi deċiżjonali tal-Bank;

(b) l-istatus speċjali tal-Gvernatur fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-Kunsill Regolatorju u l-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew jiġi rispettat; u

(ċ) l-obbligi ta' kunfidenzjalità li joħorġu mill-Istatut jiġu mħarsa.".

Emenda ta' l-artikolu 32, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**28.** L-artikolu 32, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (2), (3) u (4) tiegħu għandhom jitħassru; u

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala disposizzjoni sħiħa, u minflok għandu jidħol dan li ġej:

"Depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mal-Bank.

32. Skond it-Trattat u l-Istatut, istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jiġu mitluba biex ikollhom riservi minimi mal-Bank, u biex jirrapurtaw dwar dan.".

Emenda ta' l-artikolu 34, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**29.** L-artikolu 34, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) f'dan l-artikolu, fit-test Malti, minflok il-kliem "ħlas" u "ħlasijiet", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "pagament" u "pagamenti" rispettivament;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Il-Bank għandu" għandhom jidħlu l-kliem ", skond it-Trattat u l-Istatut,";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "għoxrin elf lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u erbgħin elf euro";

(d) fi tmiem is-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda l-poteri tal-Bank li joħroġ direttivi taħt dan is-subartikolu għandhom jiġu eżerċitati skond it-Trattat, Artikolu 22 ta' l-Istatut u kull regolament maħruġ taħt Artikolu 22 ta' l-Istatut.";

(e) fis-subartikolu (6) tiegħu, minnufih qabel il-kliem "Kull ordni ta' ħlas" għandhom jidħlu l-kliem "Sal-limitu speċifikat mill-Bank f'direttivi msemmija hawn qabel,"; u

(f) fis-subartikolu (7) tiegħu, minnufih wara l-kelma "settlement" għandhom jidħlu l-kliem "*clearing* ta' titoli" u, fit-test Malti biss, minflok il-kliem "ħlas ta' pagamenti" għandhom jidħlu l-kliem "konklużjoni ta' pagamenti".

Emenda ta' l-artikolu 35, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**30.** L-artikolu 35, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 36(2)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 34(2)", u minflok il-kliem "l-artikolu 36(5)(a)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 34(5)(a)";

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 36(5)(b)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 34(5)(b)"; u

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 52A(1)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 56(1)".

Emenda ta' l-artikolu 36, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**31.** L-artikolu 36, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, inkluż fin-nota marġinali tiegħu, fit-test Ingliż, minflok il-kliem "Competent Authority", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "competent authority".

Emenda ta' l-artikolu 37, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**32.** L-artikolu 37, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) f'dan l-artikolu, inkluż fin-nota marġinali tiegħu, fit-test Ingliż biss, minflok il-kliem "Competent Authority", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "competent authority"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 24A" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 23".

Emenda ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

**33.** It-test Ingliż ta' l-artikolu 38 kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "Information by banks" għandha tidħol il-kelma "Confidentiality"; u

(b) f'dan l-artikolu, minflok il-kliem "Competent Authority" għandhom jidħlu l-kliem "competent authority".

Emenda ta' l-artikolu 39, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**34.** Fl-artikolu 39, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, minnufih qabel il-kliem "Il-Bank jista' jkollu ishma" għandhom jidħlu l-kliem "Skond it-Trattat u l-Istatut,".

Emenda ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali.

**35.** Minnufih wara l-kliem "obbligi internazzjonali tiegħu" kull fejn jinsabu fl-artikolu 41, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "inklużi sitwazzjonijiet ta' instabbilità fis-sistema finanzjarja".

Emenda ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali.

**36.** L-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "Ħruġ ta' karti tal-flus euro";

(b) is-subartikoli (2), (3), (4), (5), (6) u (7) tiegħu għandhom jitħassru; u

(ċ) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala d-disposizzjoni sħiħa, u minflok għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Bank għandu joħroġ karti tal-flus euro skond Artikolu 106 tat-Trattat u Artikolu 16 ta' l-Istatut.".

Emenda ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali.

**37.** L-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "Ħruġ ta' muniti euro";

(b) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Bank għandu joħroġ muniti euro f'Malta. Fit-twettiq ta' dan, il-Bank għandu jaġixxi ta' aġent għall-Gvern.";

(ċ) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Il-volum ta' ħruġ ta' muniti euro f'Malta għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali Ewropew skond Artikolu 106 tat-Trattat."; u

(d) is-subartikoli (3), (4), (5), (6), (7), (8) u (9) tiegħu għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali.

**38.** Minflok l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Tifsir ta' biljett jew munita tal-flus.

"44. Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima, "biljett" jew "munita tal-flus" tfisser karti tal-flus euro jew muniti euro u kull biljett ieħor jew munita oħra tal-flus, imsejjaħ b'isem ikun li jkun, li jkun jew tkun valuta legali fil-pajjiż barra minn Malta fejn ikun ġie maħruġ jew tkun ġiet maħruġa.".

Emenda ta' l-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali.

**39.** L-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "biljetti tal-flus" għandhom jidħlu l-kliem "karti tal-flus euro"; u

(b) f'dan l-artikolu, minflok il-kliem "ħamsin lira" għandhom jidħlu l-kliem "mija u ħmistax-il euro".

**40.** L-artikolu 51, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 51, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "biljetti ta' flus u muniti" għandhom jidħlu l-kliem "karti tal-flus euro"; u

(b) f'dan l-artikolu, minflok il-kliem "taħt kondizzjonijiet speċifiċi, jawtorizza r-riproduzzjoni ta' karti ta' flus jew muniti" għandhom jidħlu l-kliem "skond id-disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni BĊE/2003/4 ta' l-20 ta' Marzu 2003 u fejn jara xieraq, jagħti konferma li r-riproduzzjoni ta' karta tal-flus euro hija legali.".

**41.** Fl-artikolu 52, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "il-lira Maltija u, jew l-ewro" għandha tidħol il-kelma "l-euro".

Emenda ta' l-artikolu 52, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**42.** Fl-artikolu 53, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "l-artikolu 49Ċ" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 52", u minflok il-kliem "il-lira Maltija u, jew l-ewro" għandha tidħol il-kelma "l-euro".

Emenda ta' l-artikolu 53, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**43.** L-artikolu 54, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 54, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala dispożizzjoni sħiħa u minflok għandu jidħol dan li ġej:

"Ġbir ta' informazzjoni dwar falsifikazzjoni ta' karti tal-flus euro u muniti euro.

54. Għandu jkun hemm sezzjoni fil-Bank li jkollha r-responsabbiltà unika f'Malta li tanalizza karti tal-flus euro u muniti euro suspettati bħala foloz skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 fejn jingħataw miżuri meħtieġa għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-falsifikazzjoni, skond ma jista' jkun sussegwentement emendat, u li jagħmel kull ħidma jew iwettaq kull dmir konsegwenzjali għal dan.".

**44.** L-artikolu 55, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 55, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kelma "fl-Iskeda" għandhom jidħlu l-kliem "f'Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2182/2004 dwar midalji u *tokens* li jixbħu l-muniti euro"; u

(ii) minflok il-kliem "għaxart elef lira" għandhom jidħlu l-kliem "tlieta u għoxrin elf euro";

(b) fis-subartikolu (3)(a) tiegħu, minflok il-kliem "punt 1 ta' l-Ewwel Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "punt 2 ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2182/2004 dwar midalji u *tokens* li jixbħu l-muniti euro"; u fis-subartikolu (3)(b) tiegħu, minflok il-kliem "punt 2 ta' l-Ewwel Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "punt 3 ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2182/2004 dwar midalji u *tokens* li jixbħu l-muniti euro"; u

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fit-tifsira "medda ta' riferenza għad-dijametru", minflok il-kliem "19,00 millimetru u 28,00 millimetru" għandhom jidħlu l-kliem "19.00 millimetru u 28.00 millimetru"; u

(ii) fit-tifsira "medda ta' riferenza għax-xifer", minflok il-kliem "7,00% u 12,00%" għandhom jidħlu l-kliem "7.00% u 12.00%".

Emenda ta' l-artikolu 56, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

**45.** L-artikolu 56, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "għaxart elef lira" għandhom jidħlu l-kliem "tlieta u għoxrin elf euro"; u minnufih wara l-proviso għandu jidħol proviso ieħor:

"Iżda wkoll li l-Ministru ma jistax joħroġ regolamenti li jipprovdu għal penalitajiet u, jew sanzjonijiet fejn regolamenti li jipprovdu għal penalitajiet u, jew sanzjonijiet simili nħarġu mill-Bank Ċentrali Ewropew taħt it-Trattat u l-Istatut."; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-kliem "dan li ġej" għandha tidħol il-kelma "biss";

(ii) minflok il-paragrafi (a) sa (f) għandu jidħol dan li ġej:

"(a) meta parteċipant f'sistema ta' pagament jikser jew jonqos li jħares ħtieġa li tkun tinsab f'xi direttiva maħruġa taħt l-artikolu 34;

(b) meta persuna tikser jew tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 50 biex tirtira miċ-ċirkolazzjoni biljetti tal-flus u muniti u tikkonsenjahom lill-Bank;

(ċ) fuq xi korp magħqud meta r-reati msemmija fl-artikoli 45 sa 49 isiru biex dawn jiksbu benefiċċju minn persuna, li tkun qed taġixxi sew individwalment sew bħala parti minn organu tal-korp magħqud u li jkollha pożizzjoni għolja fi ħdan il-korp magħqud, abbażi ta' –

(i) poter ta' rappreżentanza tal-korp magħqud, jew

(ii) awtorità li tiddeċiedi f'isem il-korp magħqud, jew

(iii) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna legali, jew meta dik il-persuna tgħin jew taġixxi f'kompliċità fl-għemil ta' dak ir-reat jew fit-tentattiv ta' għemil ta' kull reat bħal dak; u

(d) fuq kull korp magħqud meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu (ċ) tkun għamlet possibbli l-għemil ta' reat imsemmi fl-istess paragrafu sabiex jinkiseb benefiċċju minn dak il-korp magħqud minn persuna li tkun taħt l-awtorità tiegħu."; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

**46.** L-artikolu 57, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 57, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 52A" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 56";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "fl-artikolu 52A(2)(a)" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 56(2)(a)"; u

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 36A" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 35".

Żjieda ta' artikoli 60 u 61 ġodda ma' l-Att prinċipali.

**47.** Minnufih wara l-artikolu 59, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu l-artikoli 60 u 61 ġodda li ġejjin:

"Setgħa biex joħroġ regolamenti.

60. Il-Ministru jista', permezz ta' regolamenti, jemenda l-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att.

Rati.ta' referenza.

61. (1) Riferenza f'xi liġi għar-rati ta' skont u, jew interessi uffiċjali tal-Bank għandha tkun riferenza għar-rati indikattivi ta' mgħax tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "rati indikattivi ta' mgħax" tfisser ir-rati ta' interess li jirriflettu l-formulazzjoni tal-*policy* monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew.".

Żjieda ta' Taqsima XII ġdida ma' l-Att prinċipali.

**48.** Minnufih wara l-artikolu 61 ġdid ta' l-Att prinċipali, għandha tiżdied it-Taqsima XII ġdida li ġejja:

## "TAQSIMA XII

## DISPOSIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI DWAR IL-LIRA MALTIJA

Biljetti tal-flus.

62. (1) Wara li jingħata avviż kif imiss mill-Ministru fil-Gazzetta, il-Bank ikollu s-setgħa li jiġbor kull biljett tal-flus bil-lira Maltija wara ħlas ekwivalenti tal-valur nominali tiegħu fl-euro, u kull biljett tal-flus tali għandu jkun jista', sa għaxar snin wara l-għeluq tal-perijodu msemmi fl-avviż iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), jiġi mifdi mill-Bank fuq talba għall-flus maqlubin fl-euro bir-rata tal-lira Maltija għall-euro stabbilita skond it-Trattat u mingħajr ebda ħlas.

(2) Ħadd ma jkun jista' jifdi mill-Bank il-valur ta' xi biljett tal-flus bil-lira Maltija mitluf, misruq, mutilat jew imperfett. Iċ-ċirkostanzi li fihom u l-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li taħthom ikun jista' jiġi mifdi b'konċessjoni l-valur ta' biljetti ta' flus fil-lira Maltija mitlufa, misruqa, mutilata jew imperfetta għandhom ikunu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Bank.

(3) Meta tgħaddi sena wara li jiskadi l-perjodu msemmi fl-avviż li jsejjaħ lura l-ġbir ta' biljetti tal-flus taħt is-subartikolu (1), kull biljett tal-flus bil-lira Maltija hekk imsejjaħ lura iżda li ma jiġix ippreżentat biex ikun mifdi għandu jtemm milli jibqa' jiġi inkluż fil-passiv monetarju tal-Bank, u l-valur ta' dawk il-biljetti tal- flus, wara li jitnaqqas minnhom

il-valur tan-noti kollha li sussegwentement jiġu mifdija, għandu jitqassam mal-profitti tal-Bank tul il-perjodu li jkun fadal biex jagħlaq il-perijodu ta' għaxar snin speċifikat taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(4) Meta jagħlaq il-perjodu ta' għaxar snin speċifikat taħt is-subartikolu (1), id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 45 sa 50 u ta' l-artikolu 54 għandhom ikunu japplikaw ukoll għall-biljetti tal-flus fil-lira Maltija.

(5) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "biljetti tal-flus fil-lira Maltija" tfisser il-biljetti tal-flus li kienu valuta legali f'Malta qabel l-introduzzjoni ta' l-euro.

Muniti.

63. (1) Wara li jingħata avviż kif imiss mill-Ministru fil-Gazzetta, il-Bank ikollu s-setgħa li jiġbor kull munita fil-lira Maltija wara ħlas ekwivalenti tal-valur nominali tagħha fl-euro u kull munita tali għandha, sa sentejn wara l-għeluq tal-perjodu msemmi fl-avviż iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u dejjem sakemm dik il-munita ma tkunx ġiet imbagħbsa, tiġi mifdija mill-Bank fuq talba għall-muniti maqlubin fl-euro bir-rata tal-lira Maltija għall-euro stabbilita skond it-Trattat u mingħajr ebda ħlas.

(2) Ħadd ma jkun jista' jifdi mill-Bank il-valur ta' xi munita fil-lira Maltija mitlufa, misruqa, mutilata jew imperfetta. Iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom dak il-valur jista' jiġi mifdi b'konċessjoni jkunu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Bank.

(3) Meta jgħaddu sitt xhur mit-tmiem tal-perijodu msemmi fl-avviż li jsejjaħ lura l-ġbir ta' kull munita taħt is-subartikolu (1), kull munita bil-lira Maltija hekk imsejħa lura iżda li ma tiġix ippreżentati biex tkun mifdija ma tibqax tiġi nkluża fil-passiv monetarju tal-Bank, u l-valur ta' dawk il-muniti, wara li jitnaqqas minnhom il-valur tal-muniti kollha li sussegwentement jiġu mifdija, għandu jitqassam mal-profitti tal-Bank tul il-perjodu li jkun fadal biex jagħlaq il-perjodu ta' sentejn speċifikat taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(4) Sa meta jagħlaq il-perjodu ta' sentejn speċifikat taħt is-subartikolu (1), id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 45 sa 50 u ta' l-artikolu 54 għandhom ikunu wkoll japplikaw għall-muniti bil-lira Maltija.

(5) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "muniti bil-lira Maltija" tfisser il-muniti li kienu valuta legali f'Malta qabel l-introduzzjoni ta' l-euro."

Ihassar l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**49.** L-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi mħassra.

Żjieda ta' Skeda ma' l-Att prinċipali.

**50.** Minnufih fi tmiem l-Att prinċipali għandha tiżdied din l-Iskeda ġdida li ġejja:

**"SKEDA**

(Artikolu 2)

- Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371);
- Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376);
- Att dwar is-Servizzi ta' Investiment (Kap. 370);
- Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Kap. 403);
- Att dwar il-*Brokers* ta' l-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra (Kap. 404);
- Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345)"

## TAQSIMA II

## EMENDI TA' L-ATT DWAR IT-TRANSAZZJONIJIET ESTERNI, KAP. 233

Emendi ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni, Kap. 233.

**51.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli mill-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**52.** Minflok il-paragrafu (a) tat-tifsira "persuna residenti" fl-artikolu 2(1) ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) persuna naturali minkejja ta' liema nazzjonalità tkun, li jkollha ċ-ċentru ta' interess ekonomiku tagħha ordinarjament jinsab f'Malta u li kienet toqgħod jew ikollha l-ħsieb li tkun toqgħod f'Malta għal żmien kontinwu ta' sena;".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 501 tat-28 ta’ Frar, 2007.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*